MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 539/2002/2

**Kawza Nru:**

**Citaz Nru: 539/02 JA.**

**Avukat Peter Fenech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Japan Tobacco Inc.**

**-vs-**

**Dr. Victor Scerri u l-P.L. Luisa Tufigno b' digriet tal-31 ta' Mejju, 2002 gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrappresentaw lis-socjeta' estera Tasharika La Shaz Imp-Exp.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-10 ta' Mejju, 2002, li bih l-attur nomine ppremetta:

Illi huwa l-propjetarju tad-dritt reisrat mal-Kontrollur tad-Dwana (Dok J1) msejjah Winston, liema dritt gie registrat f' Malta l-ewwel darba fis-16 t' Awissu 1961, moghti n-numru ta' registrazzjoni 6990 (dok JT2), liema dritt kien gie mgedded kif tirrikjedi l-Ligi, l-ahhar darba fis-27 ta' Frar, 1989 (Dok JT3).

Illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u tnejn (202), gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta dahal container bin-numru ITLU 7503500 fuq il-vapur MV Camville De Mimosa liema container kien fija mija u wiehed u sittin (161) kaxxa cigareti tal-Marka Winston li l-attur nominee kien issuspetta li kienu foloz;

Illi l-kampjuni li ttiehdu mill-attur nomine jirrizulta li s-sigaretti kienu foloz (Dok JT4);

Illi l-attur nomine talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspetta gewwa Malta (Dok JT) sabiex a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta huwa jipprocedi civilment ghal decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf biss min kellu jircievi l-konsenja tal-merkanzija cioe' s-socjeta' konvenuta.

Ghalhekk l-attur nomine jghid lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konsenja ta' sigaretti tal-marka Winston misjuba fil-container bin-numru ITLU 7503500 li wasal fil-Port Hieles, Marsaxlokk fuq il-vapur MV Camville De Mimosa, huma foloz, u dan okkorrendo bin-nomina ta' esperi nominati ghall-dan il-fini.

2. Tiddikjara li l-manufatturar u l-produzzjoni ta' dawn is-sigaretti minn terzi persuni mhux maghrufa, jilledi d-drittijiet ta' l-attur nominee bhala propietarju registrat, skond il-Ligi ta' Malta, tal-marka ta' sigaretti Winston;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u l-Pulzija Esekuttiva, jew min minnhom, sabiex fil-prezenza ta' l-attur nominee jew rapprezentanti tieghu, tiddistruggi s-sigaretti foloz fi zmien qasir u perentorju li johgobha tiffissa l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi interessi fuq id-depozitu necessarju sabiex il-merkanzija inzammet Malta mill-Kontrollur tad-Dwana, l-ispejjez sabiex il-container u l-merkanzija inzammew mill-istess Dipartiment tad-Dwana, l-ispejjez dovuti in konnessjoni ma' l-eliminazzjoni tal-merkanzija falza, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa w in-nota tax-xhieda ta' l-attur nomine.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fis-6 ta' Settembru 2002 li biha ecepixxew:

1. Illi huma m' humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din l-azzjoni u jitolbu lill-atturi jtuhom l-indirizz tal-patrocinat taghhom.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Rat id-dikjrazzjoni mahlufa w in-nota tax-xhieda tal-Kuraturi Deputati.

Rat il-verbal tas-seduti tal-15 t' Ottubru, 2002 u tal-31 t' Ottubru, 2003;

Illi f' din il-kawza l-attur qed jistrieh fuq il-provi imressqa ma' l-att tac-citazzjoni filwaqt li l-konvenuti huma kuraturi deputati li ma' gewx edotti bil-fatti tal-kaz;

Illi l-provi dokumentarji prodotti mill-attur nominee huma sodisfacenti u m' humhiex kontradetti;

Ghaldaqstant din il-Qorti **tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti (b' dan pero' li d-drittijiet tal-kuraturi deputati jithallsu provizorjament mill-attur nomine), u tipprefiggi lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew il-Pulizija Esekuttiva zmien xahar biex tiddistruggi s-sigaretti foloz in kwistjoni.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------